## IL-KNISJA U L-KAŻ TAL-GIRGENTI

Minkejja li ppruvajna kemm-il darba nispjegaw lill-qarrejja tagħna li l-Knisja tieħu ħafna żmien biex teżamina l-fatti u l-ġrajjiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dehriet tal-Madonna u fenomeni straordinarji fis-sema jew fix-xemx (bħal dawk li seħħew fil-Girgenti f'Ġunju 1988 u wara) ħafna nies għadhom jistaqsuna: "Għaliex il-Knisja ma titkellimx?"

Ir-responsabbiltà li jittieħdu passi uffiċjali biex issir investigazzjoni jew kummissjoni, taqa' fuq l-Awtorità tal-Knisja jiġifieri fuq l-Arċisqof. Fil-każ tagħna, jista' jkun li l-awtorità taħseb li għadu kmieni wisq biex dawn il-passi jittieħdu u li aħjar tiżbalja billi ddum milli tgħaġġel.

Dan m'għandux jaqtagħlna qalbna. Anzi, il-fatt li l-ġrajjiet tal-Girgenti qatt ma ġew mist-merra jew ikkundannati mill-Awtorità juri li hemm serjetà u kredibiltà biżżejjed biex dawn il-ġrajjiet ikomplu miexja 'l quddiem.

Nistgħu wkoll ngħidu b'ċertezza li l-Awtorità tal-Knisja qatt ma pprojbiet lil HADD (Kleru jew Lajċi) li jitilgħu l-Girgenti u jattendu għal-laqgħat ta' talb. Min igħid il-kuntrarju ma jkunx qed igħid il-verità!

Agħmlu kuraġġ!... Il-Madonna tmexxina! Nuru fidi sħiħa fiha u nkomplu nattendu għal-laqgħat tal-Girgenti, inxerrdu d-devozzjoni tal-Madonna u nkomplu ngħixu il-messaġġi tagħha.

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawn-hekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 6 APRIL 1991 JITQASSAM BLA ĦLAS

# Ġuża Mifsud u l-Gwerra tal-Golf

Sa kmieni minn Ġunju1990 Ġuża kienet wissietna li kien hemm bżonn ta' aktar talb u penitenza. Għalhekk hi ħabbritilna li f'Lulju, f'Awissu u f'Settembru kellha titla' l-Girgenti għal talb privat personali u stiednet lil dawk kollha ta' rieda tajba biex jekk iridu, jitilgħu huma wkoll għal-laqgħa li hi sejħitilha 'penitenzarja'. Ħafna kienu n-nies li attendew għal dawn it-tliet laqgħat. Ġuża ma setgħetx tgħid x'kienet ir-raġuni vera għal dawn il-laqgħat jew x'kien il-kastig imdendel fuq id-dinja.

Xi jiem wara l-laqgħa ta' Lulju sar it-teremot tal-Filippini fejn mietu mijiet ta' nies. Fit-2 ta' Awissu, l-armata tal-Iraq invadiet il-Kuwajt. Dan kien il-bidu tal-akbar diżastru li ġara mill-aħħar gwerra dinjija 'l hawn. Saru ħafna sforzi biex tinsab soluzzjoni paċifika tal-problemi li nħolqu. Kollu kien għal xejn.

Iżda Ġuża wkoll għamlet il-parti tagħha. F'Jannar, fuq direttiva tal-Madonna, Ġuża kitbet ittra twila lill-President Bush u oħra lill-President Saddam Hussein u talbithom biex isibu soluzzjoni tal-problemi tagħhom għax il-Madonna ma riedetx il-gwerra li kienet se ssir. Xahar wara, jiġifieri fi Frar, Ġuża kitbitilhom ittra oħra biex iwaqqfu l-ġlied.

Dawn l-ittri inqraw waqt il-laqgħa ta' talb li saret fit-3 ta' Marzu 1991. F'din il-laqgħa Ġuża ħeġġet lill-folla numeruża preżenti biex nirringrazzjaw lil Alla għall-waqfien tal-ġlied u biex nitolbu biex isseħħ il-paċi dejjiema. Hi wissietna li jekk id-dinja ma tikkonvertix, Alla jista' jużа l-Id setgħana tiegħu u jkollna flaġell akbar minn dak li għadna kemm kellna.

# Ma niżolawx il-Girgenti...3

## Panorama tad-dehriet fid-Dinja kollha bejn l-1978 u l-1988

Biex ikollna stampa ċara ta' x'qed jiġri fid-dinja llum, se nagħtu xi tagħrif fuq id-dehriet li ġew rappurtati li saru bejn l-1978 u l-1988 u li xi wħud minnhom għadhom sejrin jew damu jsiru snin sħaħ.

**NIKARAGWA:** Il-Madonna tidher lil raħli ta' aktar minn ħamsin sena, f'CUAPA, bejn it-8 ta' Mejju u t-13 ta' Ottubru i980.

**MESSIKU:** Il-Madonna tidher lil żewġt itfal u ttihom messaġġi li huma stess jiktbu. Sal-1987 dawn il-messaġġi kienu għadhom sejrin. Dan ġara f'Terra Blanca.

**ARĠENTINA:** F'San Nicolas, ħdejn Buenos Aires, il-Madonna tidher lil mara ta' 48 sena, omm ta' familja. Id-dehriet bdew fl-1983 u sal-1988 kienu għadhom sejrin.

**RWANDA:** F'Kibeho, il-Madonna tidher lil 6 żgħażagħ (1981-1983). Fl-istess żmien Ġesù stess jidher lil żagħżugħ pagan, jikkonvertih u jibagħtu jikkonverti s-Suwed fil-pajjiżi ġirien. Dan iż-żagħżugħ kien jismu Segatasha.

**EĠITTU:** Il-Kajr. Hdejn il-Kajr kien hemm żewġ postijiet fejn dehret il-Madonna; Żejtun: mit-2 ta' April 1968 sa Settembru 1970 u Shoubra, minn 1983 u l-aktar fl-1986 u baqgħu sejrin.

Fiż-żewġ postijiet raw l-apparizzjonijiet anke xi musulmani. Id-dehriet ta' Żejtun ġew rikonoxxuti mill-Knisja, dan l-aħħar.

**Sirja:** Damasku. Id-dehriet bdew f'Novembru, 1982 lill-koppja Myrna ta' 18-il sena u Nicolas ta' xi 30 sena, li żżewġu f'Mejju.

Sa mill-15 ta' Diċembru il-Madonna tidher lil Myrna. Fost fenomeni li ġraw kien hemm ħruġ ta' żejt mirakoluż minn santa. Myra kellha l-pjagi tlett darbiet sal-1987.



**YUGOSLAVJA:** Medjugorje. L-Apparizzjonijiet bdew f'Ġunju 1981 u għadhom sejrin. F'dan il-każ, l-Awtoritajiet ta' Ruma ndaħlu biex ma jħallux lill-Isqof ta' Mostar jagħti l-ġudizzju tiegħu fuq id-dehriet; din il-kompetenza tħalliet lill-Konferenza Episkopali tal-Yugoslavja. Hemm possibiltà li ssir Konferenza jew Kummissjoni Internazzjonali biex teżamina dan il-Każ. Il-fatt jibqa' li kuljum jaslu eluf ta' pellegrini, kemm kleru u kemm lajċi, ifittxu il-paċi tal-qalb.

Kull 25 tax-xahar il-Madonna tħalli messaġġ speċjali. Hawn Malta hemm Ċentru ta' Medjugorje li jorganizza pellegrinaġġi ta' rtiri f'Medjugorje ħafna drabi fis-sena.

**SPANJA:** Escorial. Il-Madonna tidher lil Amparo Cuevas, omm ta' sitt itfal, sa minn Novembru 1980.

**ITALJA:** F'Oliveto Cetra, fix-Xlokk ta' Napli, fl-24 ta' Mejju 1985, ħafna tfal jaraw 'il-Madonna. Xebba li ma emmnithomx, hi stess kellha dehriet tal-Madonna għal aktar minn tletin darba.

Fi Schio (djoċeżi ta' Viċenza) Renato Baron, ta' aktar minn 50 sena, jirċievi messaġġi permezz ta' statwa tal-Madonna f'kappella fejn kien imur jitlob. Ħafna messaġġi għaddew mill-25 ta' Marzu 1985 sa Ottubru 1986.

**KOREA:** F'Naju, fi-lbiċ ta' Seul, fenomeni straordinarji fid-dar ta' Julio Kim (ta' 40 sena) u Julia Yuon (ta' 39 sena) miżżewġin, ma kinux ilhom li kkonvertew. Mit-30 ta' Ġunju 1985 dmugħ niżel abbundanti minn statwa tal-Madonna. Dan ġara għal xahrejn u nofs sħaħ.

**SQALLIJA:** Roccia di Belpasso, ħdejn Catania. Ħafna semgħu bid-dehriet tal-Madonna lil Rosario Toscano, student, sa mill-11 ta' Mejju 1986, kull l-ewwel ġurnata tax-xahar u li damu sejrin għal xi sentejn.

Ta' min igħid li hemm apparizzjonijiet oħra, li mhumiex rappurtati hawn, li saru f'dawn l-aħħar sentejn u li għadhom qed isiru. Nittamaw li nkunu nistgħu nagħtu aktar dettalji fuq dawn id-dehriet aktar 'il quddiem. Il-messaġġ tal-Girgenti hu dejjem magħna u għadu sejjer: Talb, Penitenza, Konverżjoni sinċiera biex Alla jerġa' jieħu postu fid-dinja. ●

# NIFHMU LIL ĠUŻA MIFSUD

Meta nitkellmu fuq dehriet tal-Madonna u kuntatti li persuna jkollha magħha irridu niftakru li l-messaġġi, aħna ma nirċevuhomx direttament mill-Madonna imma permezz ta' persuna "viżjonarja", jiġifieri ta' persuna umana oħra, intermedjarja.

Għalhekk irridu nifhmu li fil-mod li dawn il-messaġġi jiġu mfissrin lilna jidħol il-fattur uman. Il-Madonna ma tistax tiżbalja; imma l-bniedem jista' għax għandu l-limitazjonijiet tiegħu bħala bniedem, kemm fil-*background* edukattiv, kemm fil-manjiera li jifhem il-messaġġi u kif jgħaddihom lil ħaddieħor.

Ġuża Mifsud ukoll għandha l-limitazjonijiet tagħha. Skola ftit li xejn marret; dan ma jfisirx li hi injoranta; anzi għandha sens komun kbir. Imma l-vokabularju tagħha huwa xi ftit fqir; dan jispjega r-ripetizzjoni tal-istess espressjonijiet fid-diskorsi tagħha. Xjenza ma studjatx; x'tifhem fl-astronomija?... u ħafna affarijiet naturali ta' din id-dinja? Safrattant dawn l-affarijiet jistgħu jkunu parti mis-sigrieti li l-Madonna fdatilha.

Dawn il-limitazzjonijiet ma jxejnux il-fatt li d-dehriet ikunu seħħew. Jekk ikun hemm xi diffikultà biex nifhmu sew il-messaġġ tal-Madonna, dan ikun ġej mill-fattur uman tal-viżjonarju/a u mhux mill-Madonna.

Fil-prattika, id-devoti tal-Madonna ma joqogħdux jikkunsidraw dan kollu. Jekk jaraw kredibiltà fil-persuna viżjonarja u li m'hemm xejn kontra t-tagħlim tal-Knisja fil-messaġġi mgħoddija lilna, jemmnu fid-dehriet, aktar u aktar jekk ikun hemm frott spiritwali bħal konverżjonijiet jew fejqan straordinarju minn mard, jew fenomeni fis-sema bħal ma rajna mill-Girgenti f'Ġunju 1988 u drabi oħra wara dakinhar.

Xi gideb li ntqal fuq Ġuża, f'xi gazzetti lokali, ħawdu ħafna nies, fil-bidu tal-laqgħat tal-Girgenti. Aħna li nafuha sew, nafu mhux biss bil-limitazzjonijiet tagħha li jġiegħeluna niskużawha meta tieħu xi żball imma nafu wkoll il-kwalitajiet tajba tagħha.

Ta' xebba żagħżugħa kienet umli, ta' ftit kliem, bil-kuruna dejjem f'idha waqt li tkun f'Wied il-Girgenti mal-merħla tagħha. Meta bdiet tikber kienet kollha ħeġġa biex tagħmel ġid lil ħaddieħor, u biex tidefendi l-Isem ta' Alla, kif kienet talbitha l-Madonna. Hadd ma kien jaf bil-kuntatti li kellha mal-Madonna sa minn meta kellha ħmistax-il sena u seba' xhur; lanqas ommha u missierha. L-ewwel konfessur tagħha li sar jaf b'dawn il-ġrajjiet qalilha biex ma tgħid lil ħadd; u ma qalet lil ħadd ħlief lill-konfessuri tagħha fosthom Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca. Kien Dun Salv Grima li fl-1982 qalilha biex ixxandar il-messaġġi tal-Madonna. Ġuża obdiet.

Minn dakinhar 'l hawn ma waqfitx milli twissina biex nitolbu u nagħmlu penitenza biex il-Madonna tidħol għalina u Alla jeħlisna mill-kastigi li dnubietna jiġbdu fuqna. Minkejja l-mard li għandha fuqha u t-tfixkil li tiltaqa' miegħu, għandha determinazzjoni li tibqa' tgħaddilna l-messaġġi tal-Madonna. Dawn l-aħħar snin, fuq ordni mill-Madonna kitbet lill-mexxejja ta' pajjiżi kbar u f'Jannar1991 bagħtet messaġġi lill-President Bush u lill-President Hussein tal-Iraq. Dawn l-attivitajiet kollha juru li Ġuża għandha karattru sod u kuraġġuż; xejn ma jaqtagħlha qalbha. Fl-istess ħin, hi dejjem turi qalb tajba ma' kulħadd u tagħti għajnuna lil kull min jitlobha. M'hijiex kburija u hi stess tistagħġeb kif il-Madonna tinqeda biha għax "jien m'jien tajba għal xejn" tgħid Ġuża.

Meta niltaqgħu 'l-Girgenti, aħna niltaqgħu biex nirringrazzjaw lill-Madonna talli tieħu ħsiebna u biex nitolbuha biex tidħol għalina quddiem Alla. L-importanti hu li nemmnu fil-Madonna u fl-imħabba tagħha lejna.

Wara kollox, id-dehriet mhumiex 'domma tal-fidi'. Aħna liberi li nemmnu fihom jew li ma nemmnux, basta li ma jkun hemm xejn kontra l-Fidi u l-morali.

# AĦBARIJIET U AVVIŻI

## MEJJU U ĠUNJU

Ma ninsewx li f'Mejju nagħmlu l-Festa tal-Madonna tal-Girgenti, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ma nonqsux noffrulha ir-Rużarju ta' kuljum jekk jista' jkun 15-il posta u mhux 5 biss.

Ġunju jfakkarna fil-fenomeni straordinarji li seħħew fit-8 ta' Ġunju 1988 fis-sitta ta' filgħaxija waqt laqgħa ta' talb, il-Girgenti. Dawn il-ġrajjiet għandhom iqawwulna qalbna u jimlewna b'kuraġġ għat-tixrid tal-messaġġi li l-Madonna tgħaddilna permezz ta' Ġuża Mifsud.

**Il-Laqgħa tas-27 ta' Jannar 1991**

Din kienet l-okkażjoni ta' għeluq snin Ġuża. It-temp kien ħażin, imsaħħab b'riħ kiesaħ, għalkemm ma għamlitx xita. Ġuża kienet ma tiflaħx u għalhekk ma ġietx. Hi bagħtet messaġġ qasir rekordjat; dan ma tantx kien jiftiehem. Imma s-Segratarja qrat il-messaġġ imhejji f'Novembru, minn Ġuża, biex jinqara f'Jannar.

**Il-Laqgħa tal-10 ta' Frar 1991**

Kien hemm attendenza kbira ħafna. It-temp kien sabiħ u Ġuża waslet fil-ħin.

F'diskors imqanqal, Ġuża wissiet lil Malta għall-ħafna dnubiet li qed isiru: minbarra d-dagħa u l-mibgħeda li hawn, ħafna nies lanqas ma jisimgħu quddies nhar ta' Ħadd; oħrajn ma jitkażawx jaħdmu nhar ta' Ħadd u oħrajn iżebilħu l-isem ta' Alla u l-Ostja mqaddsa. Dawn huma dnubiet li jġibu kastigi fuq il-poplu kollu u mhux biss fuq il-ħżiena. Imbgħad fil-mewt kulħadd jieħu dak li ħaqqu.

Semmetilna, wkoll, il-Gwerra tal-Golf fejn kienu diġà mietu eluf kbar ta' nies.

**Il-Laqgħa tat-3 ta' Marzu 1991**

F'din il-laqgħa, Ġuża ħabbritilna li fil-5 ta' Ġunju 1991 se ssir: ➡





⬅ fis-7 ta' filgħaxija. Din se tkun laqgħa ta' Penitenza bi tpattija għaż-żebliħ ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla. Ġuża tistenna li kulħadd jikkonkorri. Ejjew intom u ġibu oħrajn magħkom.

**Assemblea Ġenerali**

Skond l-Istatut appruvat fis-17 ta' Ġunju 1987, kull sentejn trid tiltaqa' l-Assemblea Ġenerali sabiex jinħatar Kumitat Ġdid. Il-laqgħa li jmiss se ssir jew fl-aħħar ta' Ġunju jew għall-bidu ta' Lulju li ġej.

Nappellaw lil dawk minkom li għadhom mhumiex Tesserati fil-Moviment tagħna sabiex iħabirku biex jittesseraw ruħhom mill-aktar fis, għax it-Tesserati biss jistgħu jivvutaw għall-Kumitat il-ġdid. Formoli għat-Tesserament jistgħu jinksbu jew mill-Girgenti waqt il-laqgħat, jew mill-President tal-Kumitat, jew tiktbu lis-Segretarja, Dr Sylvana Spiteri LL.D.; 6/A2, Main Street, Siġġiewi jew lill-Editur, Leħen il-Girgenti, Stella Maris College, Gżira.

Inħeġġu lil dawk kollha li huma lesti li jaħdmu bis-sħiħ biex tkompli tinxtered id-devozzjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, tal-Girgenti, biex jikkontestaw l-elezzjoni għal membri tal-Kumitat.

Aktar dettalji jitħabbru aktar tard. Aħsbu minn issa x'kontribut tistgħu tagħtu lill-Moviment tagħna.

**Ittri jew korrispondenza personali lill-Editur ta' dan il-Fuljett, għandhom jintbgħatu lil:-**

**Brother Victor Privitera, FSC. B.A.,**
**Stella Maris College,**
**Gżira.**

Ibagħtu l-korrespondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: "Leħen il-Girgenti"
c/o 16 St. James Str.,
Siġġiewi.